MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 1943/1998/1

**Mario Camenzuli**

**vs**

**Toni Tanti**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fit-13 ta' Ottubru 1998 fejn talab lil din il-Qorti li tordna lill-konvenut li jizgombra mill-ghalqa msejjha "Ta' Filep" fil-limiti ta' Hal Ghaxaq, proprjeta' in parti tal-mittenti, li huwa qed jiddetjeni minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi.

Jigi dikjarat ghall-finijiet tal-kompetenza, li l-valur lokatizju tal-fond imsemmi ma jeccedix il-valur ta' ghaxar liri Maltin (Lm10.00) fis-sena.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-25 ta' Settembru, 1998 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi, d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez.

2. Illi, l-attur irid jipprova t-titolu tieghu fuq il-fond de quo stante li l-esponenti jikri l-fond imsemmi minghand Rita Ellul, kif ilu jaghmel hekk ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena circa u qablu kien jaghmel l-istess Wenzu Spiteri ghal madwar tletin sena ohra (b'kollox ghalhekk Rita Ellul ilha tircievi l-kera ghal dawn l-ahhar 45 sena circa) u ma jidher minn imkien li l-attur ghandu xi titolu fuq l-imsemmi fond.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ta' zgumbrament tal-konvenut mill-ghalqa maghrufa bhala "Ta' Filep" limiti ta' Hal Ghaxaq, liema ghalqa hija ndikata bil-bordura hamra fil-pjanta a fol 66 tal-process. Hadd mill-partijiet mhu qed jikkontesta l-identita' ta' l-ghalqa, pero' l-konvenut qieghed jallega illi l-attur mhuwiex proprjetarju ta' l-ghalqa.

L-attur xehed li l-ghalqa kienet proprjeta' taz-ziju tieghu Peter Paul Camenzuli li miet fil-1982 u wirtuh hu u cioe' l-attur u oht missieru, z-zija tieghu Francesca Axiaq. Mhuwiex car jekk Camenzuli ghaddiex l-ghalqa b'titolu ta' cens jew inkella qbiela. L-istess attur ighid li huwa ma sab ebda kuntratt ta' cens illi jkopri din l-ghalqa, ghad illi fil-ktieb ta' l-ircevuti illi gie esebit tidher il-kelma 'cens' moghtija lil Marija Grima. Din ta' l-ahhar, omm Rita Ellul, hadet l-ghalqa minghand Peter Paul Camenzuli. Kienet

thallas il-qbiela lill-attur u liz-zija tieghu Francesca Axiaq. L-ahhar pagament sar fil-1992. L-attur ma jafx kif il-konvenut gie fil-pussess ta' l-ghalqa. Kera minghandu qatt ma rcieva, pero' jaf li f'xi zmien l-ghalqa ghaddiet ghand certu Zaren u minghand dan ghal ghand il-konvenut.

Gie esebit testment tat-30 ta' Novembru, 1976 fejn l-eredi ta' Peter Paul Camenzuli huma l-attur u zitu. Fid-denunzja tieghu a fol 27 l-ghalqa hija deskritta bhala moghtija b'cens sa l-1990.

Rita Ellul a fol 32 tghid illi l-ghalqa originarjament giet ghand in-nannu taghha Bernard Busuttil u minghandu ghal ghand ommha Marija Grima. Kienet thallas hamsin centezmu (50c) lill-atturi, izda saret xi forma ta' sollukazzjoni u ommha kienet tircievi lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1.25c). Din il-qbiela kienet tithallas minghand certa Spiteri, u imbaghad il-konvenut. Rita Ellul tghid illi l-konvenut beda jhallas wara l-mewt ta' ommha, pero' hi rrikonoxxietu u ghadha tohroglu rcevuta sa llum, ghad li ilha ma thallas lill-atturi mill-1992. Gie esebit ktieb tal-kera bejn fol 40 u fol 49 fejn George Camenzuli, missier l-attur qed jircievi l-hlas minghand Marija Grima. Interessanti pero' illi fl-ircevuta titnizzel il-kelma "cens".

Il-konvenut a fol 54 ighid illi ha l-ghalqa minghand Lawrence Spiteri. Xi sbatax-il sena (17) ilu kienu marru l-Ghammieri hu, Lawrence Spiteri u Rita Ellul bhala sid il-ghalqa, biex dawwru l-ghalqa u giet registrata fuq isem il-konvenut. Jinsisti illi Rita Ellul hija l-proprjetarja.

Min naha taghha Ellul tidher li ghandha xi dubbji dwar it-titolu. Tikkonferma li hi dahhlet lill-konvenut u kienet iffirmat ghand id-Dipartiment tal-Biedja sabiex l-ghalqa tigi registrata fuq ismu. Lill-atturi qatt ma qaltilhom xejn meta rrikonoxxiet lill-konvenut u baqghet taghmel l-istess haga bhalma kienet taghmel ommha. A fol 80 tirrikonoxxi li ghamlet zmien thallas in-nofs lira (50c) lill-missier il-konvenut u meta staqsietu ta' min kienet l-ghalqa, missier il-konvenut qalilha li kienet ta' xi sinjura kbira. Fl-ahhar

spiccat biex qalet illi la l-konvenut ihallas lilha ……..”mhux jiena s-sid?”

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi processwali ma hemmx dubbju illi t-titolu li tippretendi Rita Ellul huwa wiehed dubbjuz, imma daqstant iehor huwa dubbjuz it-titolu ta’ l-attur, peress illi ma rrizultax kif l-ghalqa giet moghtija matul iz-zmenijiet jekk hux b’cens jew inkella bi qbiela u jista’ jaghti l-kaz ukoll illi l-awturi ta’ l-attur hadu l-ghalqa minghand haddiehor b’xi titolu li s’issa ghadu mhux maghruf. Ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti ma tistax ma tqajjimx kwistjoni ta’ kompetenza u taghmel referenza ghall-artikolu 47 tal-Kap 12 fejn fil-sub inciz 3 jinghad *“izda, l-kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar proprjeta’, ta’ beni mmobbli …… ghad li l-pretensjoni ma tkunx tiskorri l-hamest elef lira, ma jidhlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati.”*

F’din il-kawza l-Qorti qeghda tara kwistjoni dwar proprjeta’, ta’ beni mmobbli. L-attur qieghed jallega proprjeta’ ta’ ghalqa, mentri l-konvenut qieghed jikkontesta dik l-allegazzjoni. Mhuwiex il-kompitu ta’ din il-Qorti li tiddikjara xi hadd mill-partijiet bhala proprjetarju ta’ l-ghalqa. Dina hija materja riservata ghal Qrati Superjuri u huma biss jistghu jiddikjaraw li parti jew l-ohra bhala proprjetarju ta’ l-ghalqa in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba. Tiddikkjara ruhha inkompetenti *“ratione matariae”* fl-isfond ta’ l-Artikolu 47 tal-Kap 12. Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------